31978R2514

L 301/10 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 28.10.1978

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2514/78

tas-26 ta'Ottubru 1978

dwar ir-reġistrazzjoni fl-Istati Membri ta' kuntratti għat-tkattir ta' żerriegħa fil-pajjiżi mhux membri

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2358/71 tas-26 ta'Ottubru 1971 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żieragħ [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1346/78 [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 3a(4) u 9 tiegħu,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2358/71 jipprovdi li r-reġistrazzjoni mill-korpi ta' l-Istati Membri dwar il-kuntratti tat-tkattir taż-żerriegħa fil-pajjiżi mhux membri tista' tintgħamel obbligatorja; billi din il-possibiltà għandha tintuża' dwar l-ispeċji li huma mportanti biex biex jipprovdu lis-suq tal-Komunità; billi trid tissawwar lista ta' l-ispeċji jilħqu dan il-kriterju;

Billi dawn il-kuntratti jkopru diversi ħsad suċċessivi; billi, minħabba f'hekk, għandu jiġi provdut, fl-interess tat-tħaddim razzjonali tas-sistema, li l-kuntratti konklużi qabel ma din is-sistema tidħol fis-seħħ iżda li jkopru ħsad li jiġi wara għandhom jkunu reġistrati;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2358/71 jitlob ukoll li l-kuntratti għat-tkattir taż-żerriegħa f'pajjiż mhux membru għandhom jkunu mfissra; billi huwa wkoll meħtieġ li jiġi provdut li l-parti fil-kuntratt stabbilità fil-Komunità għandha tagħti ċerti dettalji meta jkun reġistrat il-kuntratt;

Billi hi f'idejn l-Istati Membri li jwaqqfu sistema ta' reġistrazzjoni ta' dawn il-kuntratti u hu mixtieq li jinnominaw korp għal dan il-għan;

Billi l-Kummissjoni għandha tkun mgħarrfa bl-informazzjoni li hemm fil-kuntratti sabiex tkun tista' tissorvelja l-iżviluppi fis-suq u tamministra s-suq tal-Komunità;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taż-Żieragħ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kuntratti għat-tkattir taż-żerriegħa f'pajjiż mhux membru li huma marbuta ma' l-ispeċji jew mal-gruppi ta' varjetajiet imsemmija fl-Anness hawn mehmuż u li ġew konklużi b'effett mill-1 ta' Frar 1979, u l-kuntratti konklużi qabel dik id-data għaż-żieragħ li għandhom jinħasdu mill-1 ta' Ġunju 1980 'l quddiem, għandhom ikunu suġġetti għar-reġistrazzjoni skond dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "kuntratt għat-tkattir f'pajjiż li mhux membru" jfisser kuntratt li konkluż bil-miktub bejn parti stabbilità fil-Komunità u parti stabbilità f'pajjiż mhux membru li jgawdi minn ekwivalenza fil-produzzjoni taż-żerriegħa mal-Komunità li bih din ta' l-aħħar tintrabat li tkattar iż-żieragħ jew tirranġa għat-tkattir taż-żieragħ f'isem dak ta' l-ewwel bil-ħsieb li iż-żieragħ kollha jew parti minnhom ikunu impurtati fil-Komunità.

Artikolu 3

Għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-kuntratti msemmija fl-Artikolu 1, il-parti li tkun qiegħda tagħmel kuntratt stabbilità fil-Komunità għandha tipprovdi lill-korp riferit fl-Artikolu 4 ta' l-inqas dawn id-dettalji:

(a) il-pajjiż li fih jitwettaq it-tkattir taż-żerriegħa;

(b) l-ispeċji u l-varjetajiet taż-żieragħ;

(ċ) il-kwantità, l-oriġini u l-kategorija ta' żieragħ li għandhom jitkattru;

(d) is-snin tal-*marketing* koperti bil-kuntratt, estimi tal-kwantitajiet li jkunu ser importati fil- Komunità, il-perjodi skjedati għall-kunsinna.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jintroduċu sistema ta' reġistrazzjoni tal-kuntratti riferiti fl-Artikolu 1. Għal dan il-għan, huma għandhom jaħtru korp responsabbli mir-reġistrazzjoni u jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-isem u l-indirizz tiegħu qabel l-1 ta' Frar 1979.

[1] ĠU L 246, tal-5.11.1971, p. 1.
[2] ĠU L 165, tat-22.6.1978, p. 1.

Artikolu 5

1. Il-parti fil-kuntratt stabbilità fil-Komunità għandha tirreġistra l-kuntratt mal-korp kompetenti ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun stabbilità qabel ma jiskadi ż-żmien iffissat fl-Anness hawn mehmuż għal kull speċi jew grupp ta' varjetajiet.

2. Kull tibdil li jsir fid-dettalji riferiti fl-Artikolu 3 wara li l-kuntratt ikun reġistrat għandu jiġi notifikat fi żmien 30 jum mid-data meta dak it-tibdil.

Artikolu 6

L-Istat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni ta' kull sena, mhux aktar tard minn 30 jum wara li jiskadu l-limiti ta' żmien stipulati fl-Anness, it-taqsir li ġej għal kull sena tal-*marketing*, l-ispeċi jew il-grupp ta' varjetajiet elenkati fl-Anness u għal kull pajjiż mhux membru konċernat, l-estimi tal-kwantitajiet taż-żrieragħ li jirriżultaw mit-tkattir li għandhom ikunu importati fil-Komunità.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-15 ta' Novembru 1978.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta'Ottubru 1978.

Għall-Kummissjoni
Finn GUNDELACH
Viċi-President

ANNESS

Speġji jew gruppi ta' varjetajiet	Data ta' l-iskadenza tal-limitu ta' żmiengħar-reġistrazzjoni ta' kuntratti	
	Sena li tiġi qabel il-ħsad	Sena tal-ħsad
1. Festuca pratensis L.	1 ta' Novembru (1)	
2. Festuca rubra L.	1 ta' Novembru (1)	
3. Lolium multiflorum L.		
(a) Ssp. alternativum		1 ta' Mejju (2)
(b) Ssp. Non alternativum	1 ta' Novembru	
4. Lolium perenne L.	1 ta' Novembru	
5. Medicago sativa L.	1 ta' Novembru	
6. Trifolium pratense L.	1 ta' Novembru	1 ta' Mejju (3)
7. Hybrid maize		1 ta' Mejju (4)

(1) Żergħa fil-ħarifa.
(2) Żergħa fir-rebbiegħa.
(3) Pajjiżi fl-Emisferu tan-nofsinhar: limitu ta' żmien l-1 ta' Mejju tas-sena li tiġi qabel il-ħsad.
(4) Pajjiżi fl-Emisferu tan-nofsinhar: limitu ta' żmien l-1 ta' Novembru tas-sena li tiġi qabel il-ħsad.